MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2006

Numru 322/2004

Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)

vs

Raymond Buhagiar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Raymond Buhagiar detentur ta' karta ta' identita' numru 134256(M), akkuzat talli fil-5 ta' April 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

(1) approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, s-somma ta' aktar minn Lm5,000, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu, taht titolu illi jgib

mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, indistrja, kummerc, kariga jew servizz tieghu, u dan ghad-dannu ta' John Bugeja u Manuel Schembri;

(2) fl-istess dati u lok, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' iktar minn Lm5000 ghasd-dannu ta' John Bugeja u Manuel Schembri: Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li bihom baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi kollha wkoll ai termini tal-istess rinviju;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux opposizjoni li l-kawza tinstema sommarjament;

Semghet lill-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jittrattaw l-misapproprjazzjoni aggravata, t-truffa aggravata u l-qerq innominat. Jixlu lill-imputat li ghamel qligh ta' izjed minn Lm5,000 ghad-dannu ta' John Bugeja u Manuel Schembri. Difatti jirrisulta mill-provi illi l-azzjoni kriminali kontra l-imputat saret wara kwerela ta' dawn ta' l-ahhar li allegaw li kienu ghaddew ammonti sostanzjali ta' flus, circa Lm27,000 bejniethom, lill-imputat fuq negozju ta' importazzjoni ta' merkanzija

varja mill-Italia u allegaw li l-konsenja li waslet Malta ma kinitx tiswa l-flus li kienu ghaddewlu.

Illi huwa stabbilit li hi l-prosekuzzjoni li trid issostni l-akkuzi u tippruvahom minghajr ombra ta’ dubbju. Fil-kuntest tal-akkuzi riportati kellha ghalhekk id-dmir li tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati sostnuti minnha kontra l-imputat. Kien jehtieg ghalhekk li ghar-reat ta’ truffa tipprova u tiddimosta li sehhet l-‘mise en scene’ ossija r-raggiri u l-artificji li jkunu gew adoperati mill-imputat u li permezz taghhom ikunu effettivament ingannaw u gabu telf patrimonjali lill-vittma u qligh lill-imputat. Kellha l-prosekuzzjoni turi li t-telf soffert mill-kwerelanti kien risultat ta’ ingann li minhabba fih l-kwerelanti ghamlu jew naqsu li jghamlu xi haga risultat tal-ingann li issarraf f’telf patrimonjali ghalihom u konsegwenti qligh ghall-imputat. Mil banda l-ohra fi kliem il-Maino (Commenti al Codice Italiano, Pt.2) “ vi e’ appropriazzione indebita quando per libera volonta’ del proprietario la cosa viene consegnata a taluno per un titolo qualunque che importi l-obbligo di riconsegnarla o di farne un uso determinato, e questi invece, abusando della fiducia in lui riposte, la converte in proprio prefetto o di un terzo”.

Illi mill-fatti riskontrati mill-provi din il-Qorti ma tarax li l-akkuzi jinsabu sostnuti f’tali mod li gew pruvati l-elementi kostituttivi tar-reati migjuba kontra l-imputat. Dak li jemergi fic-cert hu li l-flus (u mhux kollha) kienu intizi biex isir negozju ta’ importazzjoni li ma sehhx li ma jfissirx allura li ghaliex ma rnexxix kien hemm it-truffa jew l-approprjazzjoni indebita. Dawn kellhom jirrizultaw fic-car u f’dan il-kaz m’hemmx il-prova cara u skjetta sabiex jigu sostnuti. Lanqas ma treggi l-akkuza taht l-Artikolu 309 billi hawn wkoll jonqos in-ness rikjest bejn il-qerq (sic) adoperat mill-imputat u xi att ta’ kommissjoni jew ommissjoni tal-kwerelanti.

Ghaldaqstant taqta’ u tiddecidi l-kawza billi ma ssibx l-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------